DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1020

tat-18 ta' Lulju 2018

dwar l-adozzjoni u l-aġġornament tal-lista ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea għall-fini tat-tlaqqigħ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT tal-EURES

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/589 jistabbilixxi pjattaforma komuni tal-IT li tiġbor flimkien il-postijiet tax-xogħol battala, u l-applikazzjonijiet għax-xogħol u s-CVs (profili ta' persuni li qed ifittxu impjieg) fl-Unjoni Ewropea u tagħmilhom disponibbli għall-portal tal-EURES;

(2) Sabiex ikun jista' jsir it-tlaqqigħ tal-postijiet tax-xogħol battala mal-profili ta' persuni li qed ifittxu impjieg, irid isir skambju tal-informazzjoni skont sistema uniformi, skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/589, abbażi ta' standards u formati tekniċi komuni;

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-postijiet tax-xogħol battala u tal-profili ta' persuni li qed ifittxu impjieg, u biex jiġu żgurat tlaqqigħ ta' kwalità għolja bejn il-lingwi u l-kuntesti nazzjonali, huwa meħtieġ li tintuża terminoloġija multilinwgwistika dettaljata biex jiġu deskritti l-okkupazzjonijiet, il-ħiliet u l-kompetenzi. Din it-terminoloġija se sservi bħala punt ta' referenza komuni meta jsir l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-kandidati jew dwar il-postijiet tax-xogħol battala fi tlaqqigħ tal-impjiegi u tiżgura li t-tifsira tal-informazzjoni tiġi preservata;

(4) Għalhekk, l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/589 jipprevedi l-użu ta' klassifikazzjoni Ewropea sabiex jinkiseb il-livell ta' interoperabbiltà meħtieġ għal tqabbil ta' kwalità għolja permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT;

(5) Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tiġi żviluppata Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO) għal dak l-għan. Hija stabbilixxiet Grupp ta' Ħidma tal-Istati Membri dwar l-ESCO sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Hija stabbilixxiet ukoll Kumitat ta' Manutenzjoni tal-ESCO li jagħti pariri tekniċi dwar il-ġestjoni, l-aġġornament, l-implimentazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-ESCO. Il-partijiet ikkonċernati taw ukoll il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp tal-ESCO permezz ta' gruppi ta' referenza u konsultazzjonijiet online;

(6) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Istati Membri dwar l-ESCO fir-rigward tal-klassifikazzjoni ESCO, kif ukoll fir-rigward tat-traduzzjonijiet tagħha qabel ma ddeċidiet li tippubblika l-ewwel verżjoni tal-ESCO fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Lulju 2017;

(7) Għalhekk, il-listi multilingwi ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-ewwel verżjoni tal-ESCO huma xierqa biex jiġu adottati bħala klassifikazzjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/589;

(8) Bħala rekwiżit minimu, jenħtieġ li għal kull okkupazzjoni, ħila jew kompetenza, dawn il-listi jinkludu mill-inqas terminu wieħed f'kull lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, identifikatur uniku (URI), deskrizzjoni u, fir-rigward tal-okkupazzjonijiet, immappjar għal verżjoni riċenti tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO);

([1]) ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1.

(9) Filwaqt li l-klassifikazzjoni Ewropea teħtieġ li tipprovdi punt ta' referenza stabbli għall-fini tat-tlaqqigħ multilingwi online għall-EURES u possibbilment pjattaformi ta' impjieg oħra, l-evoluzzjonijiet fis-suq tax-xogħol, fit-terminoloġija u fit-teknoloġija tat-tlaqqigħ se joħolqu l-ħtieġa li tiġi aġġornata fuq bażi regolari. Il-proċedura għall-adozzjoni ta' verżjoni aġġornata tal-klassifikazzjoni Ewropea se tkun ibbażata fuq kooperazzjoni tajba bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri;

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-EURES,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-lista ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea li jeħtieġ tintuża għall-operazzjoni tal-pjattaforma komuni tal-IT tal-EURES, kif previst fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/589, u tistabbilixxi l-proċeduri biex din il-lista tiġi aġġornata u rieżaminata.

2. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Ħiliet u kompetenzi" jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

(1) "għarfien" li tfisser l-eżitu tal-assimilazzjoni ta' informazzjoni permezz tat-tagħlim, li jirriżulta f'korp ta' fatti, prinċipji, teoriji u prattiki, li huwa relatat ma' qasam ta' xogħol jew studju;

(2) "ħiliet" li tfisser l-kapaċità li jiġi applikat l-għarfien u li jintuża l-għarfien espert biex jitwettqu l-kompiti u jiġu solvuti l-problemi;

(3) "kompetenzi" li tfisser l-abbiltà pprovata biex jintużaw l-għarfien, il-ħiliet u l-abbiltajiet personali, soċjali u/jew metodoloġiċi, f'sitwazzjonijiet ta' xogħol jew studju u fl-iżvilupp professjonali u personali.

(b) "Okkupazzjoni" tfisser raggruppament ta' impjiegi li jinvolvu kompiti simili u jeħtieġu sett ta' ħiliet simili, filwaqt li "impjieg" tfisser sett ta' kompiti u responsabbiltajiet eżegwiti minn persuna waħda f'kuntest speċifiku ta' xogħol;

(c) "Lista" tfisser enumerazzjoni ta' identifikaturi uniċi li qed jirrappreżentaw l-okkupazzjonijiet jew il-ħiliet u l-kompetenzi, akkumpanjati minn metadata;

(d) "Korrezzjonijiet minuri" tfisser modifika tal-listi adottati ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea sabiex jiġu kkoreġuti l-iżbalji fit-traduzzjoni jew l-ortografija u żbalji ovvji oħra li ma jimmodifikawx la l-istruttura tal-klassifikazzjoni u lanqas it-tifsira tat-termini jew kuntenut ieħor.

(e) "Pjattaforma ta' servizz tal-ESCO" tfisser is-sit web fejn il-Kummissjoni tagħmel il-klassifikazzjoni ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi disponibbli u li huwa aċċessibbli mill-pubbliku ([1]).

Artikolu 2

Stabbiliment tal-lista

Il-lista ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2016/589 għandha tikkonsisti f'dan li ġej:

(a) Okkupazzjonijiet ippubblikati fit-28 ta' Lulju 2017 fil-pjattaforma ta' servizz tal-ESCO bħala parti mill-klassifikazzjoni ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi Ewropej.

(b) Ħiliet u kompetenzi ppubblikati fit-28 ta' Lulju 2017 fil-pjattaforma ta' servizz tal-ESCO bħala parti mill-klassifikazzjoni ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi Ewropej.

Artikolu 3

Aġġornament tal-lista

1. Biex jiġi rifless it-tibdil fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u t-taħriġ jew fit-terminoloġija, il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għandha tirrevedi regolarment il-ħtieġa li tiġi aġġornata l-lista ta' ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea maħsuba biex tintuża għall-operazzjoni tal-Portal tal-EURES.

([1]) http://ec.europa.eu/esco

2. Qabel ma tipproponi li tiġi adottata verżjoni aġġornata tal-lista ta' okkupazzjonijiet u ta' ħiliet u kompetenzi tal-klassifikazzjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 2, billi temenda jew tissostitwixxi din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-EURES, imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/589, u lill-Grupp ta' Ħidma tal-Istati Membri dwar l-ESCO.

3. Il-korrezzjonijiet minuri tal-listi ma għandhomx jitqiesu bħala adozzjonijiet ta' verżjonijiet aġġornati ġodda tal-klassifikazzjoni. Il-Kummissjoni xorta waħda għandha tinforma minn qabel sew lill-Istati Membri permezz tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-EURES u l-Grupp ta' Ħidma tal-Istati Membri dwar l-ESCO, u mill-inqas 30 jum qabel ma twettaq kwalunkwe minn dawn il-korrezzjonijiet minuri.

Artikolu 4

Pubblikazzjoni tal-lista

1. L-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-EURES għandu jiżgura li l-lista ta' okkupazzjonijiet u ta' ħiliet u kompetenzi tal-klassifikazzjoni Ewropea, u kwalunkwe verżjoni aġġornata tagħha, tkun disponibbli online fil-pjattaforma ta' servizz tal-ESCO.

2. L-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-EURES għandu wkoll jagħmel il-lista disponibbli għall-Istati Membri f'format li jiffaċilita l-istabbiliment u l-aġġornament tal-inventarju mill-Istati Membri skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2016/589.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER